MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2006

Appell Kriminali Numru. 211/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ronnie Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ronnie Muscat talli:

(1) f'Novembru 2001, u fix-xhur ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordnanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta'Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal ital-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li

jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta'Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) fil-11 ta' Jannar 2002, ghall habta tan-12.30pm fil-Floriana, ikkommetta serq ta' radio cassette tal-marka Kenwood li l-valur tieghu li l-valur tieghu hu ta' Lm89, minn Jeep numru tar-registrazzjoni HAB-419 tal-marka 'Suzuki Samurai' ghad-dannu ta' Catherine Balzan mill-Birgu;

(3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

(4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` ghamel hsara fil-vettura fuq imsemmija proprjeta` tal-istess Catherine Balzan, liema hsara hija ta' aktar minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda mhux aktar minn hamsin liri Maltin (Lm50) ghad-dannu ta' l-istess Catherine Balzan;

(5) b'hekk sar recidiv b'sentenza li saret definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Lulju 2000;

(6) kiser il-provvediment ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 152 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-21 ta' Ottubru 1998 u l-provvediment ta' l-artikolu 5 tal-Kap. 152 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' Novembru 2000;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta’ l-24 ta’ Gunju 2005, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Ronnie Muscat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkunndanatu ghall-hlas ta’ multa ta' mitejn liri Maltin (Lm200) u ghall-prigunerija ta’ sentejn bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Ronnie Muscatipprezentat fit-30 ta’ Gunju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar l-imputazzjonijiet ta’serq u tal-pussess ta’ droga, u tirrevokaha ghall-kumplament u minflok il-piena nflitta, taghti wahda li aktar taghmel ghall-kaz u ghall-personalita` tal-appellant;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant jghid li ghalkemm huwa ammetta l-imputazzjonijiet dedotti, tali ammissjoni ma tistax tmur oltre dak li jibqa’ legali fil-process. Ghalhekk l-aggravji tieghu huma dawn: (1) Stante li d-danni kienu taht il-Lm50 u kien hemm ir-rizarciment u r-rinunzja tal-parti leza, f’dak il-mument ir-reat kien estint permezz tar-rinunzja tal-kwerela. (2) L-artikoli 49 u 50 japplikaw biss meta persuna tkun “skontat il-piena”, u fil-provvedimenti taht l-Att dwar il-Probation l-ebda piena ma tkun skontata. (3) Ir-ricettazzjoni nghatat bhala kap alternattiv.

Dwar l-ewwel aggravju, mill-atti jirrizulta li l-proceduri odjerni gew istitwiti mill-Pulizija *ex officio* u mhux b'rizultat ta' kwerela. L-imputazzjoni li l-appellant ghamel hsara volontarja fil-vettura ta' Catherine Balzan hi biss incidentali ghall-imputazzjoni principali ta' serq mill-istess vettura. Difatti s-serq gie rapportat lill-Pulizija minn direttur tal-MCP Car Park fejn l-appellant kien intlemah minn staff ta' l-istess Car Park jidhol gol-vettura in kwistjoni mnejn seraq stereo u nqabad ukoll minn staff tal-Car Park. Il-

mahfra tal-parti leza semmai tiswa bhala kunsiderazzjoni fl-ghoti tal-piena.

Dwar it-tieni aggravju irid jigi ccarat li fl-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, dik li tidher li hi l-hames imputazzjoni fil-fatt hi maqsuma fi tliet imputazzjonijiet separati u distinti - wahda li l-appellant sar recidiv b'sentenza li saret definitiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Lulju 2000, ohra li kiser il-provvediment ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 152 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-21 ta' Ottubru 1998 u ohra li kiser il-provvediment ta' l-artikolu 5 tal-Kap. 152 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' Novembru 2000.

Kwantu ghall-ewwel imputazzjoni, dik li sar recidiv. Din tirrizulta bla ebda dubbju ta' xejn. Difatti bis-sentenza citata ta' l-24 ta' Lulju 2000 l-appellant gie kkundannat ghall-hlas ta' multa ta' mitejn liri Maltin (Lm200) in konnessjoni ma' serq minn diversi vetturi u hsara volontarja fl-istess.

Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, cioe` li kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 9 tal-kap. 152 b'sentenza tal-21 ta' Ottubru 1998, mill-atti, inkluz il-fedina penali ta' l-appellant, ma jirrizultax li tezisti tali sentenza u ghalhekk l-appellant ma setax jinstab hati li kiser tali provvedimenti.

Kwantu ghat-tielet imputazzjoni, cioe` li kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 5 tal-Kap. 152 b'sentenza ta' l-14 ta' Novembru 2000, din tirrizulta pruvata. Effettivament b'dik is-sentenza l-appellant kien instab hati li kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina minghajr awtorizzazzjoni.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-fatt li huwa gie dikjarat hati ta' ricettazzjoni ghalkemm din l-imputazzjoni nghatat bhala imputazzjoni alternattiva. Minn ezami tal-provi prodotti, jirrizulta lill-Qorti li dan huwa minnu. Izda jirrizulta wkoll li fis-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2005 id-difensur ta' l-appellant irregistra ammissjoni ghan-nom ta' l-appellant prezenti fl-Awla. Dan seta' zvija lill-ewwel Qorti u ghalhekk meta tkun sejra tigi registrata ammissjoni huwa importanti li jigi specifikat ukoll dwar

liema imputazzjonijiet qed tigi registrata ammissjoni sabiex b'hekk, punti bhal dawk sollevati fl-appell odjern, jigu trattati u ezaminati mill-ewwel Qorti. Fi kwalunkwe kaz, peress illi, kif inghad, huwa minnu li r-ricettazzjoni ma tirrizultax, l-aggravju ta' l-appellant f'dar-rigward qieghed jitqies fondat.

Issa, fir-rikors ta' appell tieghu, l-appellant isostni li ghandu jkun hemm temperament fil-piena, anke peress illi qed isiru arrangamenti biex ikun jista’ jaghmel programm ta’ rijabilitazzjoni mill-problema tad-droga. Effettivament fil-mori ta' dan l-appell l-appellant beda jsegwi programm residenzjali mal-Fondazzjoni OASI f'Ghawdex. Din il-Qorti, peress illi issa l-appellant jidher li, kuntrarjament ghal dik li kienet is-sitwazzjoni meta nghatat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti, qieghed juri determinazzjoni sabiex jeghleb il-problema tal-vizzju tad-droga, jidhrilha li huwa ta' beneficcju ghalih u anke ghas-socjeta` li jinghata din l-opportunita` ahharija biex ikompli l-process ta' rijabilitazzjoni. Ghal dan il-ghan sejra tirriforma l-piena nflitta u minflok tqieghdu taht *probation* skond il-provvedimenti tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tielet imputazzjoni, cioe` dik ta’ ricettazzjoni, u minflok tiddikjarah mhux hati taghha u minnha tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu sabitu hati li kiser il-provvedimenti ta’ l-artikolu 9 tal-Kap. 152 moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-21 ta’ Ottubru 1998 u minflok tiddikjarah mhux hati ta' tali imputazzjoni u minnha tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta’ sentejn u ghall-hlas ta’ multa ta’ mitejn liri Maltin (Lm200) u minflok, in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni li kiser il-provvedimenti ta’ l-artikolu 5 tal-Kap. 152 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta’ Novembru 2000, tittratta mieghu mill-gdid u ghalhekk tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ mitejn liri Maltin (Lm200) u in kwantu jirrigwarda l-ewwel, it-tieni , ir-raba’ u l-hames (dik li sar recidiv) imputazzjonijiet

tqieghdu taht probation a tenur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta’ tliet snin millum taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-probation li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness, inkluz fost il-kondizzjonijiet li jikkompleta programm shih ta’ rijabilitazzjoni minhabba l-problema ta’ l-abbuz tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------